REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 245/2013

tad-19 ta' Marzu 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 272/2009 fir-rigward tal-iskrinjar tal-likwidi, tal-aerosols u tal-ġellijiet fl-ajruporti tal-UE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu.

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, il-Kummissjoni teħtieġ tadotta miżuri ġenerali mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali tal-istandards bażiċi komuni stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament billi tissupplimentahom.

(2) Miżuri ġenerali li jissupplimentaw l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili huma stipulati fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009 tat-2 ta' April 2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). B'mod partikolari, l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 272/2009 jistipula metodi, inklużi teknoloġiji għall-individwazzjoni ta' splussivi likwidi, biex likwidi, aerosols u ġellijiet (LAGs) ikunu jistgħu jiddaħħlu f'żoni ristretti ta' sigurtà u jittellgħu abbord l-inġenji tal-ajru.

(3) Sabiex jippermetti introduzzjoni progressiva ta' sistema għall-iskrinjar tal-isplussivi likwidi, l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 297/2010 tad-9 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 272/2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili ([3]) stabbilixxa żewġ dati: id-29 ta' April 2011 għall-iskrinjar ta' likwidi, aerosols u ġellijiet (LAGs) miksuba f'ajruport ta' pajjiż terz jew inkella abbord inġenju tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru mhux Komunitarju u d-29 ta' April 2013 għall-iskrinjar tal-likwidi, tal-aerosols u tal-ġellijiet kollha.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 720/2011 tat-22 ta' Lulju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 272/2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fir-rigward tad-dħul f'fażijiet tal-iskrining ta' likwidi, aerosols u ġellijiet fl-ajruporti tal-UE ([4]) ħassar id-data tad-29 ta' April 2011 peress li l-iżviluppi fil-livell tal-UE u dak internazzjonali ftit qabel id-29 ta' April 2011 urew li ftit ajruporti effettivament kienu se jkunu kapaċi joffru faċilitajiet ta' skrinjar u li ma setax ikun ċar għall-passiġġieri jekk il-likwidi, aerosols u ġellijiet miksuba f'ajruport ta' pajjiż terz jew abbord inġenju tal-ajru ta' trasportatur mhux Komunitarju kinux se jitħallew jiddaħħlu f'żoni ristretti tas-sigurtà jew abbord inġenju al-ajru.

(5) L-iżviluppi ta' natura teknoloġika jew regolatorja kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll dak internazzjonali jistgħu jaffettwaw id-dati stipulati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 272/2009 u, fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti għar-reviżjoni, partikolarment billi jitqiesu l-operabbiltà tat-tagħmir u l-faċilitazzjoni tal-passiġġieri.

(6) Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tivvaluta s-sitwazzjoni fir-rigward tal-iskrinjar tal-likwidi, tal-aerosols u tal-ġellijiet fl-ajruporti tal-UE sa Lulju 2012. Bħala parti minn din il-ħidma, twettqu provi operazzjonali. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sitwazzjoni ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Lulju 2012 fil-forma ta' rapport tal-Kummissjoni ([5]).

(7) Abbażi ta' din il-valutazzjoni u, partikolarment, meta jitqies ir-riskju operazzjonali konsiderevoli kieku l-likwidi, aerosols u ġellijiet kollha kellhom jiġu skrinjati b'mod obbligatorju għall-isplussivi likwidi fl-ajruporti kollha tal-Unjoni mid-29 ta' April 2013, il-Kummissjoni tqis li din id-data għandha tiġi sostiwita bit-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet li tiżgura ż-żamma ta' livell għoli ta' sigurtà u l-faċilitazzjoni tal-passiġġieri fl-istadji kollha kif dettaljati fir-regoli ta' implimentazzjoni.

(8) L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 272/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT,

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 272/2009 għandu jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.
([2]) ĠU L 91, 3.4.2009, p. 7.
([3]) ĠU L 90, 10.4.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 193, 23.7.2011, p. 19.
([5]) COM(2012)404, 18.7.2012, mhux ippubblikat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 272/2009 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-Parti A, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-iskrining tal-bagalji tal-kabina, l-oġġetti li jinġarru minn persuni għajr passiġġieri, posta bl-ajru u oġġetti li jinġarru bl-ajru għajr meta jitgħabbew fl-istiva ta' inġenju tal-ajru, provvisti ta' titjira u provvisti ta' ajruport:

(a) tfittxija bl-idejn;

(b) kontroll viżiv;

(c) tagħmir tal-x-ray;

(d) tagħmir b'sistemi li jiskopru l-isplussivi (EDS);

(e) klieb li jxommu l-isplussivi (EDD);

(f) tagħmir li jiskopri traċċi ta' splussivi (ETD); u

(g) tagħmir b'sistemi li jiskopru splussivi likwidi (LEDS)."

(b) Il-Parti B1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI B1.

Likwidi, aerosols u ġellijiet

Likwidi, aerosols u ġellijiet għandhom jitħallew jiddaħħlu f'żoni ristretti tas-sigurtà bil-kundizzjoni li jkunu skrinjati jew eżentati mill-iskrining skont ir-rekwiżiti tar-regoli ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008."